KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 60

Is-sitta u ħamsin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' April 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazetta.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi-Sindku |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | n/a |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18:15:*
*60.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 58 u 59;*
*60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*60.5 Rapporti*
*60.6 Items Oħra ;*
*60.7 Audited Financial Statements 2021;*
*60.8 Management Letter 2021*
*60.9 Baġit 2023*
*60.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*60.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*60.12 Mozzjonijiet ;*
*60.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 60.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

60.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillieri V.Galea Pace u P.Radmilli talbu biex ikunu skużati. Kien hemm qbil li jkunu skużati.

## 60.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 58 U 59

60.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 58 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Galea issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 58*

60.2.2 B'referenza għal punt 58.2.2 kien hemm qbil unanimu li s-Sindku, Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiltaqaw u jieħdu deċiżjoni għannom tal-Kunsill rigward fejn se jitħallew jipparkjaw l-escooters. Is-Sindku qal illi peress illi għada ħafna zmien, xtaq iressaq talba sabiex jiżdied iż-żona biex jingħataw postijiet ta' parkeġġ għalihom minn triq Dingli/triq Santa Maria sa Qui Si Sana. *Bolt scooters*

60.2.3 B'referenza għal punt 58.2.5 il-kunsillier ġew informati li l-inawgurazzjoni tal-monument ta' Tony Nicholl se ssir nar is-Sibt 22 t'April fi 11:45am ġewwa Pjazza Sant'Anna. *Tony Nicholls*

60.2.4 B'referenza għal punt 58.3.2, is-Sindku informa li €5,000 se jintużaw għal-European Region of Sports. Hemm €13,000 li għandom jintużaw għall-għaqdiet sportivi/kulturali, eċċ fejn €4,000 diġa ttieħed deċiżjoni fil-laqgħa preċedenti li se jmorru għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Sliema Wanderers Football Club. Ittieħdet deċiżjoni wkoll illi jingħataw €1,000 għal kull Każin. Minn dawk il-

€5,000 li għad baqa, wara diskussjoni kien hemm qbil illi se jinqasmu €1,000 għal Exiles, €1,000 għal Sliema Waterpolo, €1,000 għal hockey, €1,500 għal Sliema Nursery u €500 għal Mużew Stella Maris bi qbil bejn dawk kolla preżenti.

60.2.5 B'referenza għal punt 58.3.3 is-Sindku qal illi sfortunatament ma hemm l-ebda update. L-irħas option se tiġi tiswa €17,000 izda x-xogħol se jkun tajjeb għal 5 snin. Alternativa oħra, li ssir mill-ġdid, tammonta għall-ammont ta' €35,000. Qal ukoll illi jixtieq iżid monument ta' Lino Grech. Kien hemm qbil. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel u qabel kollox hemm bzonn naraw jekk id-Dipartiment se jaċċettaw għalhiex is-sejħa kienet għal manutenzjoni u mhux biex isir monument ġdid. *Monument ta' Bisazza*

Is-Sindku kkonferma wkoll illi se jsir rail fuq barra tal-monument.

60.2.6 B'referenza għal punt 58.6.7 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-talba intbagħtet darbtejn lir-Reġjun. Il-Viċi Sindku qal illi fil-fehma tiegħu ma jarax għalfejn hemm bzonn isir ġabra l-Ħadd jekk il-ġabra tas-Sibt isir wara nofsinhar *Ġbir tal-iskart*

60.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 59 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier A.Galea ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti nru 59*

## 60.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

60.3.1 Kien hemm persuna li weġgħet minħabba ħofra li kien hemm taħt il-bankina u qed titlob il-Kunsill iħallas diversi kontijiet fosthom dawk mediċi, tat-trasport, kif ukoll kontijiet tad-dawl u ilma u talba biex tieħu kumpens minħabba s-sick leave u minħabba l-fatt illi ma tistax taħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamel kuntatt mall-avukat għalhiex ċerti kontijiet ma tantx jagħmlu sens. L-avukat issuġerixxa full and final settlement għall-kontijiet għat-trasport u dawk mediċi. Kien hemm qbil.

**Il-kunsillier K.Wain daħal fis-19:00**

60.3.2 Is-Sindku qal illi waslet korrespondenza fejn fiha reġgħet ġiet imsemmija li The Point se tiġi trasferrita għand il-Kunsill Lokali.

60.3.3 Is-Sindku qal illi għandom jinbidlu ma' 22 arblu bejn Sliema Pitch u Compass Lounge. Staqsa wkoll jekk f'każ illi ma jinbidlux dawk tax-Xatt quddiem il-ħwienet, jekk il-Kunsill lest jieħu ħsieb. Kien hemm qbil.

60.3.4 Is-Sindku informa li keli laqgħa mall-Prim Ministru fejn tkellmu fuq diversi affarijiet illi hemm bzonn għal-lokalita ta' Tas-Sliema. Il-Viċi Sindku staqsa jekk din kienet laqgħa uffiċjali, cioe jekk ittieħdu Minuti u kien hemm preżenti nies oħra. Is-Sindku qal illi kienu waħedhom u li ma hemmx Minuti dwar il-laqgħa. Qal illi inzjalment staqsa jekk jista jkun preżenti l-kunsillier D.Muscat izda kienet laqgħa informali fejn spjega d-diffikultajiet illi qegħdin jiffaċjaw in-nies ta' Tas-Sliema u l-miri tal-Kunsill Lokali. Uħud mill-kunsilliera qalu li la ma ittieħdux noti se tkun diffiċli sabiex ikun hemm follow-up fuq dak illi intqal. Is-Sindku ta eżempju tal-problema mall-ARMS, fejn wara jumejn il-Kunsill irċieva appuntament mas-CEO.

**60.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

58.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapport għad-diskussjoni.

**60.5 RAPPORTI**

60.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**60.6 ITEMS OĦRA**

60.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waħda mill-impjegati bagħtet ittra tar-riżenja. Talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex toħroġ sejħa għall-tlett persuni oħra peress illi hemm bzonn illi nsibu izjed staff. Kien hemm qbil unanimu.

**Il-kunsilliera I.Fenech daħlet fis-19:25**

60.6.2 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi nhar il-Ħadd 23 ta' April se ssir il-ftugħ uffiċjali tal-Outdoor Gym.

60.6.3 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi intbagħtet l-applikazzjoni lil Lands għall-gym ta' Qui Si Sana.

60.6.4 Is-Sindku qal illi għamilha ċara li mhux se jħalli l-MTA ineħħu l-ġebla li hemm ġewwa Qui Si Sana qabel ma l-MTA jieħdu ħsieb xogħolijiet oħra li ilhom biex isiru.

60.6.5 Il-kunsillier K.Wain staqsa x'toroq saru ġewwa l-lokalita ta' Tas-Sliema. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi xhur ilu intbagħtet emajl lill-kunsilliera fejn taw preferenzi għal tlett toroq illi jixtiequ li jsiru ġewwa l-lokalita. Dawn kienu triq Dingli, Tigne u Carmel. Żied illi bħalissa għaddejjin xogħolijiet ġewwa triq il-Kbira.

60.6.6 Il-kunsillier A.Galea staqsa jekk il-Kunsill se jieħu pożizzjoni fuq il-pompa tal-petrl li hemm fejn Vecchia Napoli. Is-Sindku informa li mhux se terġa tibda tintuża bħala pompa.

60.6.7 Il-kunsillier A.Galea staqsa jekk il-kunsill se joġġezzjona dwar l-iżvilupp ta' Villa St. Ignatius. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa intbagħtet rikwest lil min tieħu ħsieb l-objections tal-Kunsill.

60.6.8 Is-Sindku qal illi kella ssir Press Conference minħabba l-pontoons quddiem Fortizza. Staqsa meta se ssir. Kien hemm qbil illi ssir fis-6 ta' Mejju fil-11am fuq il-moll taħt The Point.

**Il-kunsillier A.Galea ħareġ temporarjament fis-19:55**

60.6.9 Il-Viċi Sindku qal illi l-ħwienet ta' Bisazza mhux se jkomplu jagħtu flus għad-dekorazzjonijiet tal-Milied. Qal ma jarax għalfejn għandu jieħu ħsieb il-Kunsill meta ftit li xejn jagħtu assistenza. Ippropona li tintbagħat ittra lill-ħwienet kollha biex jekk naraw illi m'hemmx ħeġġa biex jgħinu, m'hu se jsir xejn

60.6.10 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill lest jagħmel il-fustun tas-sajf. Il-Kunsill se jiġbor stimi.

60.6.11 Is-Sindku informa li saru 6 bankijiet ġewwa Ġnien Independenza waqt illi dawk illi kienu fejn hemm l-Outdoor Gym issa se jsiru fejn id-Dixies.

60.6.12 Il-Viċi Sindku sellem il-memorja tas-sur Ronald Pisani meta miet waqt illi kien qed jagħlaq ix-xogħol tal-monument ta' Tony Nicholl.

60.6.13 Il-kunsillier D.Muscat qal illi qed idur swali biex isib post tajjeb għall-attivita ta' Ġieħ Tas-Sliema. Qal issa jmiss laqgħa Sacred Heart.

**Il-kunsillier A.Galea daħal lura fit-20:15**

60.6.14 Il-kunsillier D.Muscat talab għal suġġerimenti għat-tieni edizzjoni ta' Sqaqien. Is-Sindku fakkar illi meta ġiet diskussa l-baġit ġie rraportat li intefqu wisq flus fuq attivitjiaet kulturali. Il-Kunsill ħa deċiżjoni li se tibqa fil-baġit għal dawn it-tip ta' attivitajiet. Qal importanti ma mmorrux għall-estrem fejn jidħlu spejjez.
Wara diskussjonijiet kien hemm qbil illi ssir ġewwa Tower Lane, kif ukoll Ġuże Fava, u l-parti ta' triq it-Torri minn Zara 'il fuq. Din l-attivita se ssir fis-26 ta' Awwissu.

60.6.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn qbil mill-Kunsill sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni tal-SPI għal-librerija. Kien hemm qbil illi din tiġi sottomessa.

**60.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI/SOTTO KUMITATI**

60.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn tittieħed deċiżjoni fuq it-tender tal-Perit għall-proġett ta' Norway Grants. Il-ħsieb kien sabiex isir l-evalwazzjoni qabel il-laqgħa biex ir-rapport tiġi approvata, izda għad hemm evalwatur illi kien ra d-dokumenti izda li għadu ma lestiex l-evalwazzjoni online, izda qabel illi l-irħas wieħed għandu jeħodha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jista jagħmel xejn qabel ma jsir kollox skont il-proċeduri izda kien hemm qbil mill-Kunsill illi se japprovaw illi naħdmu bl-irħas wieħed la jkun konforma ma dak illi tlabna.

**60.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

60.8.1 Il-pagament għall-ARMS ma ġewx approvati

60.8.2 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata barra ta' ARMS. Il-kunsillier D.Muscat issekondaħ.
Kien hemm qbil unanimu.

**60.9** **MOZZJONIJIET**

60.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**60.10** **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

60.10.1 Is-Seduta ntemmet fid-21:00. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2023.

Minuti approvati llum 17 ta' Mejju 2023

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow** **Anthony Attard**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**